MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 422/2004

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**1. Unimarmi Limited (C 14465)**
**2. Joseph u Catherine mizzewwgin Azzopardi (numri tal-karta tal-identita' - 753355M u 864147M rispettivament)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. fejn gie premess :

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-21 t'Ottubru 1998 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c vs Unimarmi Limited u Joseph u Catherine mizzewwgin Azzopardi" (citazzjoni numru 1260/97 RCP) (Dok "A") is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' hamsa u

ghoxrin elf, u hames liri maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm25,005.37) kwantu ghal tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u sitta u hamsin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm23,956.21) sorte u kwantu ghal elf u disgha u erbghin liri maltin u sittax-il centezmu (Lm1,049.16) spejjez tal-kawza skond taxxa hawn annessa u markata Dok “B” flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t’Ottubru 1996 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-konvenuti ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Ghalhekk il-bank rikorrenti qed jitlob li jigi awtorizzat jezegwixxi s-sentenza fuq indikata tal-21 t’Ottubru, 1998 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex jottjeni l-pagament ta’ hamsa u ghoxrin elf u hames Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm25,005.37) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 1996 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Rat li l-intimati debitament notifikati naqsu li jidhru u naqsu li jirispondi ghat-imsemmija talbiet tal-bank rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-bank rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Otubru 2004;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz it-talbiet tal-bank rikorrenti jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jisthoqqilhom li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tal-bank rikorrenti u b'hekk tawtorizza lill-istess bank rikorrenti li jezegwixxi s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 t’Ottubru, 1998 fl-istess ismijiet u dana sabiex jigi ottjenut l-pagament ta’ hamsa u

ghoxrin elf u hames liri maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm25,005.37) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 1996 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-intimati;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------